# ĠRIEDEN U FIRIEN

## ĠRAJJA TAGħHOM

Il-far u l-ġurdien ilna nafuhom mill-qedem; ma' dwar it-tlitt elef sena! Imweldin aktarx fl-Asja; il-lum jinsabu mxerrdin mad-dinja kollha; ma hemmx rokna fuq l-art li ma għandhiex wieħed. Fejn igħix il-bniedem hemm issib il-far jew il-ġurdien! Il-familja tagħhom hija kbira wisq; jinsabu fid-djar, fil-għorof, fl-egħlieqi, fuq il-vapuri, fid-drenaġġ. Il-ġurdien huwa żgħir; il-far akbar. Il-ġurdien (*Rattus rattus*) issibu aktarx ma' dwarna; il-far (*Rattus Norvegicus*) fil-kampanja u fuq il-vapuri. Tinsewx li tista' ssibhom fl-imkien il-ġrieden u l-firien. Il-ġurdien tagħna (*Rattus frugivorus*) issibu jgħix fil-bogħod mid-djar, fl-egħlieqi. Il-far huwa aktar qawwi mill-ġurdien, u meta jiltaqgħu u jkunu neqsin minn l-ikel, il-far jiġġieled mal-ġurdien, joqtlu u jieklu. Billi l-ġurdien huwa aktar ħafif mill-far, u jogħla u jaqbeż aktar minnu, issibu aktarx fuq il-bastimenti u l-vapuri fejn igħaddi ix-xkiel kollu li l-bniedem ikun għamillu biex ma jersaqx fejnu.

Il-ġrieden u l-firien huma annimali ta' bil-lejl, u jgħaddu l-jum aktarx reqdin. Fejn igħaddu l-jum issibilhom ħafna ikel maħżun, taħt l-art fejn ikunu ħaffru u għamlu bħal ħafna mħażen. Aħna ngħidu li l-ġurdien huwa makakk; is-sewwa hu li l-ġurdien huwa wieħed minn l-annimali li jaħseb ħażin f'kull ħadd, u dejjem jibża' li l-bniedem jaqbdu. Il-ġurdien jersaq lejn il-bniedem aktar milli jersaq il-far, u għalhekk issibu spiss fid-djar, ġewwa l-ħitan u n-naħa tal-bjut, ġewwa l-istivi tal-vapuri, fil-kampanja. Il-far iħobb wisq l-ilma u l-baħar; igħum u jogħdos daqs ħuta. Meta tibda s-sħana, il-koll jitilqu għall-kampanja, iħaffru l-art u jagħmlu bħall-gallarji twal. Għax-xitwa jerġgħu l-ura għad-djar. Meta fosthom ikun hemm xi wieħed jew ferut jew marid dana l-imsejken aktarx jiġi maqtul u mekul minn sħabu! Ġrieden u firien huma aktarx mansi; imma meta jkunu bil-ġuħ isiru ħorox għal l-aħħar. Naqraw li darba waħda raġel li kien maqful ġewwa mina tal-faħam ġie maktul minn ħafna ġrieden bil-ġuħ u nsab nofsu mekul! Il-ġuħ iġagħalhom jeħduha kontra animali ħafna akbar minnhom. U l-ġuħ iġagħilhom juru kuraġġ li ma ssibux f'bhejjem oħra. Ġie li daħlu fi ħwienet ta' l-ikel—restorant—jaqbsu b'ħeffa kbira fuq il-mejda ta' l-ikel, jisirqu u jaħarbu. Fejn ixommu l-ikel hemm issibhom!

Il-ġrieden u l-firien igħammru wisq. Ma' ħliet xhur il-ġurdiena tista' ssir omm. Tqila ddum wieħed u għoxrin jum; tiled minn tmienja sa għaxra; u ma' tul sena toħroġ sitt darbiet tqila. Il-botom jitwieldu b'għajnejhom magħluqa, li jiftħuhom wara erbatâx-il jum. Fi żmjen ta' erba' ġimgħat ikunu jistgħu jaħsbu għalihom infushom.

ĦSARA LI JAGĦMLU

Il għadd tal-ġrieden huwa kbir wisq! Igħidu l-għorrief li daqs kemm hemm nies fid-dinja daqs tant ieħor issib ġrieden. U l-ħsara li jagħmel ġurdien hija kbira wisq. Nieħdu ġurdien jew far, u ngħidu li l-ħsara ta' l-ikel tiegħu u ta' dak li jgħarraq tiswa, bejn wieħed u ieħor, sitt ħabbiet! il-ħsara tkun ta' ħmistax-il xelin. Issa f'Malta biss, jekk il-għadd tal-ġrieden huwa daqs ta' kemm aħna nies insibu li, f'sena, il-ħsara tal-ġrieden tagħna biss titla' mal-mija u tmienja u tmenin elf lira (£188,000)!! Ħsara tassew! Wieħed merkant fl-Amerki kellu mitt tużżana bajt ġewwa barmil. Fi żmjen ta' ftit ġranet sab li l-ġrieden serqulu wieħed u sebgħin tużżana minngħajr ma ħallew anqas qoxra wrajhom! Bejjiegħ il-laħam,f'lejl wieħed,kelulu aktar minn nofs muntun. U x'ingħidu għat-tapiti, għall-mobbli, għall-ħwejjeġ ta' lbies? Kemm deni, kemm ħsara jagħmlu dawn il-ġrieden! In-nies kbar, li l-isem tagħhom huwa biż-żejjed biex iġġibilhom kull qima, f'kelma waħda qalu dejjem:— Fittxu li kull ġurdien li taraw biex teqirduh, għax barra mill-ħsara li huwa jagħmel huwa jġib ukoll il-mard li jxerrdu qalb il-bnedmin, bħal ma huma il-Pesta, it-Tifu, Suffejra li tixbaħ il-*Febbre Gialla*, id-deni tal-gidma tal-ġurdien, il-ħabb, barra mill-qatgħa li huwa jâti u l-biża' li huwa jġib f'dawk in-nies li huma nervużi u li mħabba tal-ħsieb tiegħu spiss igħaddu ljieli b'għajnejhom miftuħa.

PESTA. Din il-marda għadha fid-dinja; ftit ta' snin ilu qerdet miljuni ġewwa l-Asja. Il-pesta ġġibha żerriegħa (*Bacillus pestis*). Tidher taħt żewġ xbihat: Pesta bubonica u Pesta bil pulmonea, skond ma tieħu jew il-glandli (*glandole linfatiche*) jew il-pulmun. Meta tinfetta d-demm biss għandna l-pesta bubonica, li m'hix kuntaġjuża, u ż-żerriegħa tieħu kif 'għedna il-glandli, li jintefħu. Meta inbagħad dawn il-glandli ma jifilħux iżommu ż-żerriegħa tal-marda ġewwa-fihom allura din iż-żerriegħa tati l-pesta li t-tobba jsejħulha "*setticemica*"; tmur fil-pulmuni u jkollna pesta bil-pulmonea! marda kerha li teqred b'għadd kbir lil min tmiss. Din il-marda hija tal-ġrieden u tal-briegħed tagħhom.

Il-bergħud li jinsab fuq ġurdien marid jarda d-demm, u, f'ikla waħda, idaħħal mal-ħamest elef żerriegħa tal-pesta ġewwa l-istonku tiegħu. Il-għadd ta' din iż-żerriegħa jikber malajr; u malli l-bergħud jarġa' jtih il-ġugħ, jigdem lill-ġurdien li jkun fuqu; imma billi l-istonku jkun mimli ż-żejjed, waqt li jkun jigdem, iż-żerriegħa titla' minn l-istonku u tidħol fid-demm tal-ġurdien. Il-ġurdien imut bil-pesta il-bergħud jitlaq il-mejjet u jfittex fejn imur. Aktarx imur fuq ġurdien ieħor; u hawn għandna l-istess storja. Barra mill-ġurdien il-bergħud jista' jsib il-bniedem; jigdmu u dan l-imsejken ta' raġel jieħu l-pesta! Hawn il-pesta hi dejjem *bubonika*. Imma meta jkun hemm ħafna każi, il-marda tieħu xbieha oħra u ssir pesta bil-pulmonea, li teqred għadd kbir ta' nies. Il-pesta hi waħda mill-għodod tan-Natura biex tnaqqas minn l-aħjar il-għadd kbir tal-ġrieden.

DENI TAL-GIDMA. Il-ġurdien għandu f'ħalqu żerriegħa li tissejjaħ "*Spirochetus morsus-muris*". Meta jigdem idaħħal fid-demm ta' min gidem marda li tmarrad il-kliewi, li aktarx imħabba fihom il-bniedem imut. Din il-marda jsejħulha wkoll *sokodu*.

ID-DUDA. Ġrieden u firien iżommu din il-marda sejra dejjem. Il-ħabb (dik li tâti d-duda meta tidħol fl-istonku tal-bniedem) jinsab fil-laħam ta' bhejjem li jreddgħu u f'xi għasafar. Il-ġurdien għandu spiss dan il-ħabb. Il-ħanżir, meta jsib ġurdien mejjet jieklu u hekk idaħħal ġewwa fih dan il-ħabb. U l-bniedem, meta jiekol il-laħam tal-porku jieħu l-marda hu.

SUFFEJRA. Fost il-mardijiet li kellna qalb is-suldati fil-gwerra l-kbira (1916-17) tant in-naha ta' fuq kemm ukoll qalb it-Taljani hemm suffejra li tixbah ħafna il-*febbre gialla* u li ġejja minn żerriegħa li tinsab fuq il-ġurdien.

Il-ġrieden u l-firien ukoll ixerrdu mard ieħor bħal l-Influwenza u Dissenterija.

## KIF TEQRIDHOM JEW TNAQQASHOM

Teqred il-ġurdien u l-far għal kollox ma jista' jkun qatt. Nistgħu biss nagħmlu minn l-aħjar biex innaqsu il-għadd tagħhom. Nistgħu nfittxu li l-ħwejjeġ ta' l-ikel ikunu maqfula, sewwa fid-djar kemm ukoll fil-ħwienet u fil-posti tas-suq, jew ġewwa xi kaxxa jew band'oħra fejn il-ġurdien ma jistâx jidħol.

Ma nħallu qatt mniezel ta' demel fejn il-ġurdien jista' jbejjet. Kull ġabra ta' ħmieġ għandna nneħħuha malajr sewwa mill-btieħi kemm ukoll mill-ġonna u minn l-egħlieqi.

Dana ngħiduh aktar lill-bidwi, jekk ma jridx li jkollu ħsara fl-uċuħ tar-raba' tiegħu!

Biex wieħed inaqqas il-għadd tal-ġrieden għandna n-nases, il-veleni, it-termentina, il gass, eċċ eċċ.

IN-NASES. Jinħtieġ li jkunu minn dawk li joqtlu l-ġurdien ma' l-ewwel daqqa; in-nases li jaqbdu l-ġurdien u jħalluh ħaj huma tajbin ukoll, basta wieħed ma jħallix l-animal imut bil-għatx u bil-ġuħ! Kull annimal għall-mewt jinħtieġ li jinqatel malajr, bl-inqas tbatija. Hija ħruxija kbira li tħalli annimal ibati, għax fl-aħħar minn l-aħħar il-ħsara tal-ġurdien ma hix biex huwa jivvendika ruħu, imma għax maħluq għalhekk.

IL-VELENI, bħal ma huma l-Istriknina, il-Fosfru, l-Arsenku eċċ. aħjar wieħed ma jagħmilx użu minnhom, sewwa imħabba t-tfal kemm ukoll imħabba klieb, qtates, tiġieġ, eċċ. li jistgħu jsibuhom. Hemm veleni oħra li wieħed jista' jâti lill-ġurdien, minngħajr ebda biża', bħal ma huma l-Għansar, il-Karbonat tal-Barju, eċċ. Il-għansar biex ma jagħmilx deni lil min isibu (tfal, klieb) hemm bżonn li tixtrih bħala "*Estratto liquido*", u tħalltu ma' daqsu ħalib: xarrab biċċa ħobż fih u qiegħda fejn taħseb li jiġu l-ġrieden. Tista' wkoll tħalltu ma' l-ilma; il-ġurdien li jbati bil-għatx imur malajr għalih, aktar u aktar jekk ikun kiel xi ftit mill-Karbonat tal-Barju.

IT-TERMENTINA hija tajba ħafna. Ixtri qatran ta' Venezja, rattbu fuq in-nar, ħalltu maż-żejt tal-kittien u ifirxu jew fuq għuda jew fuq kartuna. Qiegħed biċċa ġobon fin-nofs, u kull ġurdien li jmur għaliha jeħel, u hekk inti taqbdu. Malli tarahom li ma jistgħux jaħarbu fittex oqtolhom minn l-aktar fis!

Għall-kampanja għandna n-nemes u għandna l-ballottra. Taqbad bihom kemm trid.

Il-qattus huwa tajjeb meta jkun waħdu, u xejn imħissed, u meta ma titimgħux ħafna! Tajjeb dejjem għad-djar.

Il-*Fox-terrier* huwa l-aħjar biċċa arma għall-qerda tal-ġrieden.

L-aħħar mezz biex il-bidwi jista' jeqred il-ġrieden huwa dak li tana ALLA l-Imbierek, bħal ma huma l-Kokka, l-Isqra, eċċ. eċċ. Qatt tisparaw fuq dawn il-għasafar! Id-deni li intom taħsbu li jistgħu jagħmlulkom huwa wisq inkas mill-ġid li jagħmlu, meta jeqirdu l-ġurdien, annimal li huwa l-veru għadu tal-bniedem, għall-ħsara kbira li huwa jġib sewwa fl-uċuħ kemm ukoll fil-għorfa u fid-dar!!

**Dr. G. Busuttil.**